MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Numru 24/2013

Att ta' Akkuża Nru: 24/2013

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Duncan Scerri u

Walid Laouini

Illum 23 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuża numru erbgħa u għoxrin (24) tas-sena elfejn u tlettax (2013) ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru, elfejn u tlettax (2013) miġjuba fil-konfront ta' Duncan Scerri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 544075M u Walid Laouini, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 285605L:

Fejn l-Avukat Ġenerali fl-ewwel Kap ippremetta:

Illi fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI (minn hawn il-quddiem magħrufa flimkien bħala "l-akkużati") iddeċidew illi jassoċjaw ruħhom ma' xulxin u/jew ma' persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina f'Malta.

Fil-fatt fiż-żminijiet hawn fuq imsemmija, l-akkuzati li kienu jafu lil xulxin, kienu qablu li bejniethom kellu jsir negozju tad-droga kokajina, sabiex din id-droga tkun tista' tigi traffikata f'Malta. Illi l-akkuzati ftehmu li Walid Laouni kellu jipprokura u jipprovdi kwantita kbira ta' droga kokajina, liema droga kellha tinbiegh lil terzi persuni bl-involviment dirett ta' Duncan Scerri. L-akkuzati ghalhekk ftehmu ukoll li Duncan Scerri kellu jsib persuna li tkun trid tixtri din id-droga. Fil-jum stabbilit, Walid Laouini u Duncan Scerri kellhom jiltaqghu ma persuna ohra biex ibieghu l-istess droga. B'hekk l-akkuzati ftehmu u pjanaw bejniethom u ma' persuna jew persuni ohra, mhux biss in-natura u l-piz tad-droga (kokajina), izda ukoll il-mod ta' kif din id-droga kellha tigi traffikata.

Illi in ezekuzzjoni ta' dan il-ftehim milhuq minn qabel, nhar is-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-akkuzati ikkomunikaw ma xulxin, sabiex dakinhar stess ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30 p.m.) ikun jista' jsir in-negozju tad-droga kokajina hawn fuq imsemmija. Biss dak il-hin l-akkuzati ma kinux jafu li l-Pulizija kienet qeghda ssegwi l-passi taghhom.

Fil-fatt fis-26 ta' April 2007, diversi Ufficcjali tal-Pulizija mit-Taqsima ta' kontra d-Drogi kienu jinsabu fl-inhawi tal-Luxol Grounds josservaw il-movimenti tal-akkuzati. Ghall-habta tas- sitta u nofs ta' filghaxija (6.30 p.m.) il-Pulizija osservat vettura tal-mudell Daewoo Matiz li fiha kien hemm iz-zewg akkuzati odjerni. Illi meta l-pulizija ressqet lejn din il-vettura, l-akkuzat Walid Laouini prova jahrab minn fuq il-post izda b'intervent f'waqtu mill-pulizija huwa gie mizmum milli jitlaq minn fuq il-post. Illi waqt it-tfittxija li saret fil-vettura hawn imsemmija, instab basket b'madwar 96 kapsola ta' lewn bajdani. Minn stharrig li sar wara minn espert mahtur mill-Qorti irrizulta li dawn il-kapsoli kien fihom is-sustanza kokajina, f'ammont totali ta' 914.135 grammi, b'purita ta' circa 57.3%, li fuq is-suq miftuh kienu jgibu l-prezz ta' disgha u sittin elf ewro, disa' mija u erbgha u sittin ewro u disgha u disghin centezmu (€ 69,964.99).

Id-droga kokajina hija droga speċifikata fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmija akkuzati ma kinux licenzjati skond il-ligi sabiex ibieghu jew jittrafikaw id-droga imsemmija.

Illi b'għemilhom, l-akkużati saru ħatja talli assoċjaw ruhhom ma' xulxin u/jew ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar

il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmija DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI, hatja talli fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, assoċjaw ma' xulxin u/jew ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw id-droga kokajina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; u jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati:-

(a) kwantu għal DUNCAN SCERRI għal piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal-ħtija tal-imsemmija akkużati.
(b) kwantu ghal WALID LAOUINI għal piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal-ħtija tal-imsemmija akkużati.

Fejn l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fid-dati u ċirkostanzi kollha imsemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-att t'akkuża, u senjatament fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI kienu fil-pussess xjenti tad-droga kokajina, liema droga kienet intiza sabiex eventwalment tigi mmexxija u traffikata f'Malta.

Illi fil-fatt dak in-nhar tas-26 ta' April 2007, meta l-akkuzati gew arrestati mill-Pulizija, waqt it-tfttxija li saret kemm fuq il-persuna taghhom, kif ukoll fil-vettura hawn fuq imsemmija li fiha kienu l-akkuzati, instab basket b'madwar 96 kapsola ta'

lewn bajdani gewwa l-vettura. Minn stharrig li sar wara minn espert mahtur mill-Qorti irrizulta li dawn il-kapsoli kien fihom is-sustanza kokajina, f'ammont totali ta' 914.135 grammi, b'purita ta' circa 57.3%, li fuq is-suq miftuh kienu jgibu l-prezz ta' disgha u sittin elf ewro, disa' mija u erbgha u sittin ewro u disgha u disghin centezmu (€ 69,964.99).

Illi din id-droga ma kinetx intiza ghall-uzu esklussiv tal-akkuzati u dan peress li din id-droga kienet intiza sabiex tinbiegh lil terzi persuni.

Illi d-droga kokajina hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101).

Illi b'għemilhom, l-imsemmija akkuzati saru ħatja talli kellhom fil-pussess xjenti taghhom id-droga kokajina meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu taghhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv taghhom;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, lok, fatti u zmien hawn fuq imsemmija f'dan il-Kap t'Akkuza, jakkuża lill-imsemmija DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI, hatja talli fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, kellhom fil-pussess konxju taghhom id-droga kokajina meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom; u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli imsemmija, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġi kkundanati:-

(a) kwantu ghal DUNCAN SCERRI għall-piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u

tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

(b) kwantu ghal WALID LAOUINI għall-piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

Fejn l-Avukat Generali fit-Tielet Kapippremetta:

Illi fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI (minn hawn il-quddiem magħrufa flimkien bħala "l-akkużati") iddeċiedew li jibdew imexxu, ibieghu, jipprokuraw, ifornu u jittraffikaw fid-droga herojina f'dawn il-Gżejjer.

Illi meta nhar is-26 ta' April 2007 u is-27 ta' April 2007, l-akkuzati kienu mitkellma mill-Pulizija wara li kienu arrestati in konnessjoni mas-sejba tad-droga kokajina imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, l-akkuzati irilaxxaw stqarrija fejn (wara li kienu mwissija mill-Ispettur tal-Pulizija, skond il-Ligi fis-sehh f'dak iz-zmien, li huma ma kinux obbligati li jitkellmu sakemm ma jkunux jixtiequ jitkellmu, imma dak li jghidu jista' jingieb bi prova kontra taghhom) huma stqarru li kienu jipprokuraw id-droga herojina minghand xulxin.

Illi d-droga herojina hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmija akkuzati ma kellhomx awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza msemmija u ma kinux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu dik id-droga. Anqas kienu b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta

u anqas kienu awtorizzati mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga herojina fil-pussess taghhom.

Illi b'għemilhom, l-imsemmija DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI saru ħatja talli fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruga mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew kienu xort'oħra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmija DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI, hatja talli fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew kienu xort'oħra awtorizzati li jimmanifaturaw id-droga imsemmija, u mingħajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u jitlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkuzati u li jiġu kkundannati:-

(a) kwantu ghal DUNCAN SCERRI għall-piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta` Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u tar-regoli 2, 4(a) u 10 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A,

23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

(b) kwantu ghal WALID LAOUINI għall-piena ta' priġunerija għall-għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta` Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u tar-regoli 2, 4(a) u 10 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ippremetta:

Illi fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, l-akkużati DUNCAN SCERRI u WALID LAOUINI kienu fil-pussess tad-droga herojina. L-akkuzati kienu fil-pussess ta' din id-droga f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer.

Illi meta nhar is-26 ta' April 2007 u is-27 ta' April 2007, l-akkuzati kienu mitkellma mill-Pulizija wara li kienu arrestati in konnessjoni mas-sejba tad-droga kokajina imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, l-akkuzati irilaxxaw stqarrija fejn (wara li kienu mwissija mill-Ispettur tal-Pulizija, skond il-Ligi fis-sehh f'dak iz-zmien, li huma ma kinux obbligati li jitkellmu sakemm ma jkunux jixtiequ jitkellmu, imma dak li jghidu jista' jingieb bi prova kontra taghhom) huma stqarru li kienu jabbuzaw mid-droga eroina. Illi kemm Walid Laouni, kif ukoll Duncan Scerri jistqarru li l-ahhar darba li kienu abbuzaw mid-droga herojina kien fis-26 ta' April 2007.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Duncan Scerri u Walid Laouini saru ħatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga herojina meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-

droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu taghhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmija Duncan Scerri u Walid Laouini talli fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellhom fil-pussess konxju taghhom id-droga herojina meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu id-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom għall-użu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundanati:-

(a) kwantu ghal DUNCAN SCERRI għall-piena ta' priġunerija għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax (12) il-xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin kif ukoll multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€ 465.87) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin Euro tlieta u sebgħin ċenteżmu (€ 23,293.73) flimkien mal-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

(b) kwantu ghal WALID LAOUINI għall-piena ta' priġunerija għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax(12)-il xahar iżda mhux iżjed minn tnax(12) -il sena kif ukoll multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€ 465.87) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin Euro tlieta u sebgħin ċenteżmu (€ 23,293.73) flimkien mal-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

Fejn l-Avukat Generali fil-Hames Kap ippremetta:

Illi fis-27 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, l-akkużat DUNCAN SCERRI kien fil-pussess konxju tad-droga herojina. L-akkuzat kien fil-pussess ta' din id-droga f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer fosthom fir-residenza li kellu gewwa s-Salini limiti tan-Naxxar.

Fil-fatt nhar is-27 ta' April 2007 saret prekwiżizzjoni fir-residenza tal-akkużat ta' dak iż-żmien ċioe f'Filmar Flats, Flat 4, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Salini, limiti tan-Naxxar fejn instabet borza bi trab kannella, u wara eżami magħmul mill-espert maħtur mill-Qorti irriżulta li din is-sustanza kienet droga herojina u l-piż tagħha kien ta' 45.133 grammi, b'purita ta' circa 37.3%, li fuq is-suq miftuh kienet igib il-prezz ta' elfejn u sitta u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€ 2076.12). Din id-droga ma kienetx intiża minn Duncan Scerri biex jużaha jew jikkonsmaha hu personalment.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi DUNCAN SCERRI sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Duncan Scerri talli fis-27 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena

ta′ priġunerija għal għomru u multa ta′ mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba′ mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta′ l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta′ kull flejjes jew propjeta′ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A u 26 ta′ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta′ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista′ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta′ l-imsemmi akkużat.
Fejn l-Avukat Generali fis-Sitt Kap ippremetta:

Illi fis-27 ta′ April 2007 u fis-sitt xhur ta′ qabel din id-data, f′dawn il-Gzejjer, l-akkuzat DUNCAN SCERRI kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha. L-akkużat kien fil-pussess ta′ din id-droga f′diversi postijiet f′dawn il-Gżejjer fosthom fir-residenza li kellu gewwa s-Salini limiti tan-Naxxar.

Fil-fatt nhar is-27 ta′ April 2007 saret prekwiżizzjoni fir-residenza tal-akkużat ta′ dak iż-żmien ċioe f′Filmar Flats, Flat 4, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Salini, limiti tan-Naxxar fejn instabu erbatax il-zerriegha, u wara eżami magħmul mill-espert maħtur mill-Qorti irriżulta li dawn kienu zerriegha tal-pjanta cannabis u li sebgha minn dawn l-erbatax-il zerriegha kienu nibtu.

Illi b′għemilu, l-imsemmi Duncan Scerri sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan meta ma kienx fil-pussess ta′ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort′oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b′xi mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli ta′ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b′xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f′isem ir-Repubblika ta′ Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi DUNCAN SCERRI ħati talli kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha meta ma kienx fil-pussess ta′ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort′oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b′xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll

Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u jitlob għalhekk illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax (12) il-xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin kif ukoll multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro sebgħa u tmenin ċenteżmi iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin Euro tlieta u sebgħin ċenteżmu flimkien mal-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(d), 9, 22(1)(a)(2)(a)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Generali fis-Seba' Kap ippremetta:

Illi fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, WALID LAOUINI (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużat") iddeċieda li jibda imexxi, ibiegh, jipprokura, iforni u jittraffika d-droga kokajina f'dawn il-Gżejjer. Fil-fatt l-akkużat biegħ u/jew prokura id-droga kokajina lil diversi nies fosthom lil Duncan Scerri.

Illi meta nhar is-26 ta' April 2007 u is-27 ta' April 2007, l-akkuzat Duncan Scerri kien mitkellem mill-Pulizija wara li kien arrestat in konnessjoni mas-sejba tad-droga kokajina imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, l-akkuzat Scerri irilaxxa stqarrija fejn (wara li kien mwissi mill-Ispettur tal-Pulizija, skond il-Ligi fis-sehh f'dak iz-zmien, li huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq jitkellmu, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova kontra tieghu) huwa stqarr li Walid Laouini kien ipprokuralu d-droga kokajina diversi drabi matul l-ahhar xhur.

Illi d-droga kokajina hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmi Walid Laouini ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu id-drogi fil-pussess tiegħu.

Illi b'għemilu, l-imsemmi WALID LAOUINI sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna,

f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruga mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi WALID LAOUINI, ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħh, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta` l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar- Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Generali fit-Tmien Kap ippremetta:

Illi fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, l-akkuzat WALID LAOUINI kellu fil-pussess tiegħu id-droga raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*. L-akkużat kien fil-pussess ta' din id-droga f'diversi postijiet f'dawn il-Gżejjer fosthom fir-residenza li kellu f'San Pawl il-Bahar.

Fil-fatt nhar is-26 ta' April 2007 saret prekwiżizzjoni fir-residenza tal-akkużat ta' dak iż-żmien ċioe fi Flat 5, Sunrise Flats, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar fejn instabu bicciet zghar ta' sustanza kannella, u wara eżami magħmul mill-espert maħtur mill-Qorti irriżulta li din is-sustanza kienet raża meħuda mill-pjanta *cannabis* u l-piż tagħha kien ta' 2.484 grammi, b'purita ta' circa 7.3%, li fuq is-suq miftuh kienet igib l-prezz ta' hmistax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€ 15.92).

Illi b'għemilu, l-imsemmi Walid Laouini sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża li kien jammonta għal piż totali ta' 2.484 grammi, b'purita ta' circa 7.3% u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi WALID LAOUINI, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u jitlob għalhekk illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax (12) il-xahar iżda mhux iżjed minn tnax (12) -il sena kif ukoll multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro sebgħa u tmenin ċenteżmi iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin Euro tlieta u sebgħin ċenteżmu flimkien mal-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(a), 9, 22(1)(a)(2)(a)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regolamenti tal-1939 għall-

Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Duncan Scerri, tat-18 ta' Ġunju, 2014, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkuzat Duncan Scerri ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkużat Duncan Scerri minn din l-istess Qorti, wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 b'żewġ gradi, ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva għal-perijodu ta' disa' (9) snin flimkien ma' multa ta' ħamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000) u dan oltre kwalsiasi s-sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tasattiva għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-liġijiet ta' Malta b'inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2014, l-akkużati, mistoqsija jekk huwmiex ħatja skond l-Att tal-Akkuża, t-tnejn wieġbu billi stqarru illi huma kienu ħatja tar-reati hemm dedotti kontra tagħhom;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tagħthom ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkużati t-tnejn baqgħu itennu t-tweġiba li huma kienu ħatja.

Tiddikjara għalhekk lil Duncan Scerri u Walid Laouini ħatja talli:

1. Fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, assoċjaw ma' xulxin u/jew ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga kokajina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni;

2. Fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, kellhom fil-pussess konxju taghhom id-droga kokajina meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom; u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli imsemmija, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.
3. Fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew kienu xort'oħra awtorizzati li jimmanifaturaw id-droga imsemmija, u mingħajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.
4. Fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellhom fil-pussess konxju taghhom id-droga herojina meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-

Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu id-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom għall-użu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Lil-Duncan Scerri waħdu ħati talli:

5. Fis-27 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu.
6. Fis-27 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, talli kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-

1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi.

Lil-Walid Laouini waħdu ħati talli:

7. Illi fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħh, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.
8. Fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-

Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi.

Fir-rigward ta' Walid Laouini, semgħet it-trattazzjoni avukat difensur Dr. Arthur Azzopardi. Kif ukoll dik tal-prosekutur Dr. Elaine Rizzo Mercieca.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Duncan Scerri għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli:

2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f) (2)(a)(i)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, r-regoli 2, 4(a), 9, 10 u 16 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u l-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ukoll l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li qegħda tapplikaħ b'żewġ gradi fil-konfront taż-żewġ akkużati.

Għaldaqstant,

Tikkundanna lil Duncan Scerri għal piena ta' prigunerija ta' disa' (9) snin, flimkien ma multa ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) u lil Walid Laouini għal-piena ta' priġunerija ta' tmien (8) snin, flimkien ma multa ta' għoxrin elf ewro (€20,000).

Tordna illi hekk il-multi ma jitħallsux puntwalment, jiġu kkonvertiti f' sena priġunerija ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil ħatja ihallsu is-somma ta′ elfejn sitt mija u tlieta u għoxrin Ewro u tnax il-centeżmu (€2,623.12) kull wieħed, rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f′dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta ta′ kull flejjes jew proprjeta′ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b′nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x′jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta′ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta′ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta′ din il-Qorti b′nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------